



Brussell, 8 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7293/24

LIMITE

POLCOM 83
SERVICES 17
FDI 24
COLAC 30

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0259(NLE)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11667/23 and 11668/23 + ADD 1-2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili - <i>Adozzjoni</i>

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lil Kunsill:
 - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili; u
 - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni², fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili.

¹ ST 11505/23 + ADD 1-7

² ST 11506/23 + ADD 1-7

2. Fl-4 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-imsemmi Ftehim Interim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 11667/23, flimkien mal-Ftehim Interim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb ta' tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim Interim.
3. Il-Ftehim Interim maċ-Ċili ġie ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2023.
4. Fid-29 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim Interim.
5. Fit-8 ta' Marzu 2024, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11667/23 u 11668/23 + ADD 1-2 u
 - jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addenda għal din in-nota.
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ ST 11666/23 (ippubblikat fil-ĠU L 2023/2761 tas-7.12.2023)

⁴ ST 11668/23 + ADD 1-2.